# NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 51 - IT-TLIETA, 6 TA' NOVEMBRU 2012**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-7:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier (waslet fit-19:53) |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier/Chairperson BIC |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |

Pubbliku: Kien hemm erba' membri tal-pubbliku preżenti li jirrappreżentaw l-interessi tar-residenti li qed joġġezzjonaw għaċ-ċirklu.

## 1. APPOLOĠIJI

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Kunsillier Miceli kienet infurmat li se tasal tard.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1. Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

2.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati *nem con* u għalhekk iffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 3. IL-KWISTJONI TAĊ-ĊIRKLU

3.1. Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill għandu jiddiskuti s-suġġett taċ-ċirklu minħabba li, permezz ta' ittra, r-residenti preżenti għal-laqgħa xtaqu jagħmlu intervent. Il-Kunsill qabel unanimament li jiddiskuti dan is-suġġett.

3.2. Is-SE inform li mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill, rappreżentanti tar-residenti li qed jopponu ċ-ċirklu kienu ppreżentaw petizzjoni li tikkonsisti minn 251 firma (kopja tal-petizzjoni kienet intbagħtet lil kull Kunsillier bl-*email*). L-Amministrazzjoni kienet iċċekkjat il-firem u n-numru tal-karti tal-identità mar-Reġistru Elettorali diġitali tan-Naxxar li minnu instab li 81 minnhom jew ma

kienux instabu fuq ir-Reġistru jew inkella ma kinux verifikabbli. Numru oħra minnhom ma kinux joqgħodu fil-viċinanzi. Kopja tar-rapport ippreżentat huwa anness f'A.

3.3. Is-SE informa li sadanittant huwa kien mar personalment biex jispezjona l-post u qatt ma sab li kien hemm problemi. Kien qiegħed ikun ikkunsidrat ukoll li jitpoġġew tabelli biex jidderieġu lil min iżur iċ-ċirklu biex jipparkjaw fil-parkeġġi filwaqt li se jitpoġġew tabelli fit-truf tat-toroq Ġiżwiti, Markiż Scicluna fit-tarf tad-dħul min-naħa tal-Palazz.

3.4. Is-SE kompla li it-Tnejn (ġurnata qabel il-laqgħa) kienet twasslet ittra mhux iffirmata li iżda ġġib l-ismijiet u n-numri tal-identità tal-persuni preżenti. Ma' din l-ittra kien hemm anness rapport tal-Ombudsman tal-Ambjent u l-Ippjanar, il-Perit David Pace. Dan ir-rapport tal-Ombudsman ma kienx intbagħat kopja tiegħu għand il-Kunsill u lanqas ma qatt l-Ombudsman ikkuntattja lill-Kunsill għall-opinjoni tiegħu. Is-SE informa wkoll li kien bagħat kopja lill-Avukat tal-Kunsill għall-parir tiegħu fejn wieġeb li r-rapport kien indirizzat lill-MEPA filwaqt li l-MEPA ma kelliex obbligu li taċċetta r-rakkomandazzjoni. L-avukat wissa wkoll li jekk il-Kunsill ibiddel id-deċiżjoni tiegħu u b'riżultat il-peress jiġi rtirat, il-Kunsill jista' jkun suġġett għad-danni mingħand l-organizzatur.

3.5. Imbagħad is-Sindku pproponiet li tkun sospiża l-laqgħa għal għaxar minuti biex ir-residenti preżenti jingħataw l-opportunità li jgħaddu l-kummenti tagħhom.

3.6. Il-Kunsillier Galea staqsa dwar it-tabelli fi Triq il-Markiż Scicluna li twaħħlu u reġgħu inqalgħu ftit wara. Is-SE informa li, minħabba li kien hemm talba minn residenta li għadu kemm kellha tarbija, u fid-dawl li l-Kunsill kien għad għandu tabelli ta' żmien il-Fiera, saret talba lil TM biex jagħti l-permess biex jitwaħħlu tabelli biex il-parkeġġ fit-triq jitħalla għar-residenti biss. Madanakollu kien hemm xi nuqqas ta' ftehim intern u twaħħlu qabel ma kien hemm il-konferma u għalhekk kellhom jerġgħu jinqalgħu.

3.7. Il-Kunsillier Sammut informa li dak inhar filgħodu kienu kellmuh xi residenti fejn kienu qalulu li m'humiex kontra li jkun hemm iċ-ċirklu iżda kellhom il-biża li jkollhom problemi ta' parkeġġ. Huma għalhekk ipproponew li Triq il-Ġiżwiti sa Triq il-Ġnien ikunu parkeġġ għar-residenti biss. Semma li kellu rapporti li kien hemm xi gabbana fil-post. Is-SE informa li ma kienu ħarġu l-ebda permessi għall-gabbani u, sakemm ma jawtorizzax il-Kunsill ma kienx se joħroġ l-ebda permessi. Madanakollu s-SE informa wkoll li hu kien mar fil-post aktar kmieni qabel il-laqgħa u ma rax gabbani.

3.8. F'dan il-ħin il-Kunsill unanimament qabel li jipposponi l-laqgħa kif rakkomandat mis-Sindku. Il-ħin kien id-19:47.

3.9. F'isem ir-residenti tkellem is-Sur Victor Fenech fejn, filwaqt li esprima l-konvinzjoni li l-Kunsill ħa deċiżjoni in *bona fede*, ħass li kien jippreferi li kieku kien hemm il-parir qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni. Sostna li l-Ombudsman kien ċar li l-attività mhux kompatibbli maż-żona u għalhekk dan kien jikkonferma kemm ir-residenti kellhom raġun li jkunu pre-okkupati. Sostna wkoll li teknikament il-perijodu tat-tletin jum kellu jibda jgħodd minn meta bdew jarmaw u allura teknikament lanqas ma seta' jdum aktar mid-9 ta' Diċembru. Madanakollu huma ma kinux se jfittxu dwar dan. Huwa esprima wkoll li jifhem li issa kien diffiċli li jitwaqqaf kollox iżda appella lill-Kunsill biex

jaċċerta li kollox ikun fl-ordni filwaqt li insista li l-Kunsill m'għandux japprova li jdum aktar mit-tletin ġurnata permessibbli.

3.10. F'dan il-ħin waslet il-Kunsilliera Miceli.

3.11. Tkellmu wkoll residenti oħra filwaqt li kien espress ukoll il-pre-okkupazzjoni tal-parkeġġ speċjalment fi Triq it-Torri tal-Kaptan.

3.12. Imbagħad ir-residenti rtiraw mil-laqgħa u l-laqgħa tkompliet fit-20:00.

3.13. Il-Kunsillier Gatt ippropona li għandu jkun hemm tindif aktar frekwenti ħalli r-residenti ma jkollhomx problema.

3.14. Il-Kunsillier Brincat esprima li għal darba oħra l-Kunsill jista' forsi jkun aktar prudenti meta jiġi biex jieħu deċiżjonijiet simili.

3.15. Is-SE informa li kien tkellem ukoll mas-Segretarju Eżekuttiv ta' Għajnsielem li kkonfermat li fil-perijodu li ċ-ċirklu għamel f'Għajnsielem ma kien hemm l-ebda problemi u lanqas ilmenti minkejja li ċ-ċirklu kien qiegħed prattikament kważi fil-Pjazza.

3.16. Il-Kunsillier Miceli esprimiet li l-Kunsill irid joqgħod ferm attent u ma joħroġ l-ebda permessi għal attivitajiet fin-Naxxar għax dawn jispiċċaw ikunu ta' inkonvenjenza. Hija semmiet l-attività tad-*Drifting* li saret fit-Telgħa t'Alla w'Ommu u li jidhrilha li ħolqot ammont ta' inkonvenjent.

3.17. Wara diskussjoni kien hemm qbil li għandha tintbagħat komunikazzjoni lill-MEPA fejn issir insistenza għall-fatt li l-Kunsill ħareġ in-*no objection* tiegħu a bażi biss li kollox ikun fl-ordni u li jkun hemm il-permessi meħtieġa. Din għandha tibqa' tapplika.

## 4. MILL-MINUTI

4.1. Il-Kunsillier Gatt irrefera għall-para. numru 4.12 dwar l-installazzjoni tal-*litter bins.* Huwa informa li l-Każin tal-Banda Vittorja ma xtaqux li jkun hemm *litter bin* għaliex jieħdu ħsieb li joħorġu wieħed huma u jdaħħluh filgħaxija. Dwar il-kumplament huwa informa li kienu mmarkaw fl-aħjar postijiet possibli għalkemm għad fadal ħames *litter bins* oħra x'jinstallaw.

4.2. Il-Viċi Sindku Pierre Sciberras tkellem dwar para. 10.3 dwar il-programm Xarabank fejn informa li d-data ippjanata għat-23 ta' Novembru kienet ġiet posposta u m'hemmx data oħra stabbilita. Kien għalhekk maqbul biex il-*flyers* ikunu jinkludu informazzjoni dwar il-korsijiet u l-attivitajiet sportivi.

4.3. Il-Kunsillier Galea tkellem dwar il-korsijiet dwar l-istorja tan-Naxxar fejn kien iddiskuta mas-Sur Paul Catania fejn esprima x-xewqa li jsiru l-korsijiet ibbażati fuq *papers* li eventwalment ikunu ppublikati fi ktieb. Madanakollu s-Sur Catania infurmah li kien jippreferi li dawn jitħallew għal aktar tard meta jkun elett Kunsill ġdid.

4.4. Il-Kunsillier Muscat Fenech Adami ipproponiet li fuq il-*flyers* u l-Kuntatt titpoġġa nota edukattiva kontra l-ħmieġ tal-klieb.

4.5. Il-Kunsillier Miceli rreferiet għall-para. 4.10 dwar il-korsijiet tal-*Life Long Learning* fejn infurmat li kienet marret l-Iskola Giovanni Curmi u ġiet infurmata li mhux se jitħalla jsir aktar parkeġġ wara l-4pm. Saħqet li dan huwa ta' skumdità kbira għall-istudenti adulti li jattendu l-korsijiet. Hija għalhekk ikkuntattjat lill-Kap tal-iskola sekondarja ħalli tindaga dwar il-

possibilà li l-korsijiet isiru hemm hekk. Hija se tiċċekkja wkoll il-possibiltà li jsiru fiċ-Ċentru tas-Sgħajtar jekk kemm-il darba ma tirranġax mal-iskola Sekondarja.

## 5. KOMUNIKAZZJONIJIET

5.1. Il-Kunsillier Sammut esprima li dwar l-attività tad-*drifting* kien hemm titjib mill-*motorsport festival* tas-sena l-oħra. Huwa kkummenta però li kien ikun aħjar kieku r-residenti kienu aktar infurmati.

5.2. Il-Viċi Sindku informa li kellu talba minn residenta b'diżabilità minn Triq San Pawl biex parkeġġ li kien ħareġ fuq applikazzjoni li ressqet hi ma' TM fi Triq il-Għargħur jiġi mibdul f'parkeġġ riservat bin-numru tar-reġistrazzjoni tad-diżabilità tagħha minħabba li qed ikollha problemi biex issib tipparkja fejn allegatament ġieli jipparkjaw Pulizija u anki Gwardjani Lokali. Il-Viċi Sindku informa li din kienet qed titlob biss li jsir kif diġà hemm f'xi lokalitajiet oħra. Kien hemm diskussjoni fejn intwera l-biża li jekk issir waħda jkun hemm ħafna aktar li jsiru madwar il-lokalità filwaqt li ssemma li sa dak il-ħin TM ma setgħetx toħroġ approvazzjoni għal dan għaliex il-*policy* relatata ma kinitx għadha tlestiet. Il-Viċi Sindku informa li, fin-Naxxar kollu, kien hemm biss erbgħa parkeġġi simili u għalhekk ma kellux ikun hemm il-problemi imsemmija. Informa wkoll li l-Kap Eżekuttiv ta' TM kien infurmah permezz ta' *email* (li ġiet esebita) li, jekk il-Kunsill jilqa' t-talba u jagħmel il-parkeġġ personalizzat, TM ma kinitx se toġġezzjona. Il-Kunsill però dehrlu li, la darba ma jkunx hemm approvazzjoni formali ta' TM il-Kunsill ma kellux jagħmel xi ħaġa mhux bil-permess uffiċjali. Madanakollu kien maqbul li, biex tkun aktar ċara li hija riservata għall-persuni b'diżabilità għandu jkun hemm sinjal tad-diżabilità quddiem il-*parking bay* u tabella u jekk dawn ma jaħdmux il-Kunsill jirrikunsidra l-pożizzjoni tiegħu.

5.3. Is-SE fakkar li l-Kunsill kien għadu ma kkonfermax jekk jixtieqx li jagħmel il-**korsijiet tax-xitwa ma' TCTC**. Barra minn hekk informa li kien hemm il-bżonn li jsir **ristrutturar tal-kamra tal-kompjuters** fejn TCTC kien lest li jibdel il-kompjuters għal oħrajn moderni. Għalhekk kienu meħtieġa mwejjed ġodda li jiswew madwar €200 kull mejda (meħtieġa erbgħa). Il-Kunsill qabel li jorganizza l-korsijiet u anki li jkunu ordnati l-imwejjed.

5.4. Il-Kunsillier Brincat tkellem dwar il-preparamenti tal-**ktieb tar-ritratti** b'mod partikulari għal xi ritratti magħżula. Is-Sindku kkummentat li jidhrilha li l-kitba ma kinitx ta' ċertu livell li jilħaq l-aspettattivi u għalhekk kienet qed tissuġerixxi li jitqabbad xi ħadd ieħor min-Naxxar. Is-SE issuġerixxa li juri r-ritratti magħżula u li l-kitba tkun ikkunsidrata mar-ritratti magħżula għaliex dehrlu li flimkien jagħmlu ħafna sens. Is-Sindku kkummentat ukoll li fl-introduzzjoni ma kienx hemm riferenza li l-proġett huwa tal-Kunsill, xi ħaġa li kulħadd qabel u li kien mitlub li għandha ssir riferenza fl-introduzzjoni. F'dan il-ħin bdew jintwerew ir-ritratti li s-SE kien diġà bagħat kopja tagħhom lil kull Kunsillier.

5.5. F'dan il-ħin il-Viċi Sindku talab li jkun skużat. Il-ħin kien l-21:45.

5.6. Wara diskussjoni kien hemm qbil li t-test tal-ktieb huwa tajjeb ħafna u għandu jibqa' ħlief bl-emenda tal-introduzzjoni biex tingħata rikonoxximent lill-Kunsill. Kien hemm qbil ukoll li żewġ ritratti partikulari, fejn hemm il-Prim Ministru u l-mara tiegħu, m'għandhomx jidhru.

## 6. ĦLASIJIET TA' KONTIJIET U RENDIKONTI FINANZJARJI

6.1. Is-SE ippreżenta l-lista ta' **pagamenti** li kienet mibgħuta qabel il-laqgħa lil kull Kunsillier. Il-pagamenti skont il-lista kif annessa f'B kienet approvata.

6.2. Il-Kunsill approva wkoll ir-**rendikonti ta' dħul** u l-**lista ta' ordnijiet** għax-xahar ta' Ottubru 2012. Dawn huma annessi f'Ċ u D rispettivament.

6.3. Is-Sindku ressqet komunikazzjoni mill-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni dwar il-**Kungress** ta' kull sentejn tal-Federazzjoni Ewropeja **UDITE** li din is-sena kien se jsir fit-23 u fl-24 ta' Novembru 2012 f'Cadiz fi Spanja. Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill joħroġ nofs is-somma meħtieġa (€400) biex is-SE jkun jista' jattendi. Madanakollu kien hemm qbil li, jekk is-SE jkun jista' jġib finanzjament minn x'imkien ieħor jingħata €400 filwaqt li jekk ma jsibx finanzjament jingħata l-ispejjeż kollha. Is-SE irringrazzja lill-Kunsill filwaqt li kkonferma li aktarx li kien se jkollu parti oħra tal-ispejjeż iffinanzjati.

## 7. LAQGĦA TAL-LOKALITÀ

7.1. Is-SE informa li l-Kunsill kien jeħtieġ li jiffissa d-data tal-laqgħa tal-lokalità. Il-Kunsill qabel li possibilment titħalla lejn l-aħħar ta' Jannar u għalhekk talab lis-SE biex jipprova jsib data għal din il-laqgħa.

## 8. SKEMA LIBRERIJI (MEMO 40/2012)

8.1. Il-Kunsill unanimament qabel li għandu jidħol għall-iskema msemmija.

8.2. Il-Kunsillier Miceli semmiet ukoll il-**Jum il-Librerija** fejn ipproponiet li jkun hemm qari tal-istejjer għat-tfal possibilment fil-bandli. Ipproponiet li jitqassmu xi kotba lit-tfal li jattendu biex jinkoraġixxi l-qari filwaqt li possibilment issir sessjoni fuq il-kompjuter bla ħlas biex tispjega kif wieħed jista' jaċċessa informazzjoni u jagħmel riċerka permezz tal-kompjuter.

8.3. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta filwaqt li kien hemm qbil li l-Kunsilliera Miceli se tieħu ħsieb il-qari tal-istejjer u l-għażla tal-kotba li jridu jitqassmu. Is-SE se jikkuntattja lil TCTC biex jipprova jakkwista sessjoni tal-kompjuter b'xejn.

## 9. IL-PJAN TA' TLIET SNIN

9.1. Is-SE fakkar li l-Kunsilli għandhom l-obbligu li jippreparaw il-pjan ta' tliet snin li jkun rivedut kull sena. Huwa kompla li hija sfortuna li ftit huma, jekk hemm, Kunsilli Lokali li jieħdu dan il-proċess bis-serjetà iżda dan huwa importanti avolja fi ftit tax-xhur ieħor jinbidel il-Kunsill. Kompla jispjega li l-Pjan huwa d-direzzjoni tal-Kunsill għall-futur u li huwa importanti meta jiġi biex japplika għal xi fondi li jista' jkun hemm.

9.2. Is-SE għalhekk ippropona li dan għandu jinħadem differenti mis-soltu billi kull Kunsillier jindika problemi jew temi li jixtieq li l-Kunsill jikkonsidra biex jaħdem dwarhom. La darba dawn ikunu stabbiliti, il-Kunsill jiddetermina l-prijorità ta' kull waħda. Huwa għalhekk stieden lil kull membru biex isemmi s-suġġetti. Is-SE ħa nota ta' dawn u wiegħed lill-Kunsillieri li kien se jgħaddi lista tagħhom permezz tal-email biex kull wieħed/waħda jelenka l-prijorità ħalli jkun jista' jiġbor il-prijoritajiet skont l-ordni li jkunu daħlu.

## 10. RAPPORT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV

10.1. Is-Sinj. Cuomo irreferiet lill-membri għal-minuti tal-Kumitat Amministrattiv. Dawn il-minuti kienu meqjusa bħala approvati u li huma rapport suffiċjenti għall-Kunsill. Dawn huma annessi f'E.

## 11. RAPPORTI MIS-SOTTOKUMITATI

11.1. Il-Kunsillier Muscat Fenech Adami ressqet il-minuti tas-sottokumitat ta' Birguma li kienu meqjusa bħala rapport suffiċjenti u approvati. Dawn huma annessi f'F.

11.2. Is-Sindku ressqet ir-rapport tagħha tal-ħidma tas-Sottokumitat ta' San Pawl tat-Tarġa. Hija semmiet li hemm art li għandna bżonn nindagaw ta' min hi minħabba li hija mitluqa. Din tinsab fit-tarf t'isfel ta' Triq V. Boron. Infurmat ukoll li kien hemm talba biex jitħalla jsir **parkeġġ parzjalment fuq il-bankina fi Triq ir-Raħeb Kurradu** u għalhekk il-Perit tal-Kunsill kien qiegħed jara jekk dan hux possibli. Kellha talba wkoll biex trejqa fi Triq ir-Raħeb Kurradu, li sa ftit ilu kienet privata, tissemma **Triq Sunvale**. F'dan il-ħin issemma l-bżonn li jsiru **tabelli ġodda tal-ismijiet tat-toroq** u kien hemm qbil li għandna nindagaw il-possibilta' li jsiru taċ-ċeramika. Is-Sindku semmiet ukoll li hemm talba li ssir tabella **'Accident Black Spot' f'salib it-toroq ta' Triq Jules Verne ma' Triq Bradford**.

11.3. Il-Kunsillier Cuomo semmiet li hemm problema ta' għargħar li ilha snin kbar fi **Pjazza Ċelsi** minħabba li l-ilma tax-xita m'għandux fejn imur ħlief bir f'nofs il-pjazza li jimtela ma' kull darba li tagħmel ix-xita. Kien hemm qbil li s-SE għandu jindaga dwar il-possibiltà li jitqabbad bowser l-għada ta' kull xita biex ibattal il-bir u jkun hemm fejn imur l-ilma.

11.4. Il-Kunsillier Galea informa li fis-sottokumitat tas-Salina kien diskuss il-possibiltà li tkun **irranġata ż-żona ta' fejn Charles Inn**. Semma wkoll il-problema minn **dgħajjes abbandunati**. Sadanittant il-Kunsillier Galea informa li huwa kien jinsab impenjat ħafna b'xogħol personali u ma kienx possibli għalih li jkompli jmexxi dan is-sottokumitat. Huwa għalhekk ippropona li **minfloku jitpoġġa l-Kunsillier Brincat**. Il-Kunsill qabel.

11.5. Il-Kunsillier Galea imbagħad għamel riferenza għal email mibgħuta minn John Portelli tal-Magħtab fejn tal-aħħar ilmenta li l-membri tas-sottokumitat mill-Magħtab qatt ma kienu infurmati bil-laqgħat li saru. Il-Kunsillier Galea iddikjara li huwa kellu jieħu ħsieb biss il-membri li huma mis-Salina u kellu jkun ħaddieħor li jidentifika u jinforma lill-membri li huma mill-Magħtab.

## 12. L-ATTIVITÀ TAL-MILIED U INIZJATTIVI OĦRA

12.1. Dwar l-attività tal-Milied il-Kunsill unanimament qabel li l-Kunsill għandu jkompli miexi fuq id-direzzjoni mibdija u għalhekk jordna x-xogħol kif jaqbel is-sottokumitat.

12.2. Il-Kunsillier Sammut informa li kien jixtieq jorganizza ġurnata sportiva u taħdita għaż-żgħażagħ. Il-Kunsill qabel.

## 13. TMIEM IL-LAQGĦA

13.1. Kien hemm qbil li l-laqgħa tintemm. Il-ħin kien il-10:45pm.

13.2. Il-laqgħa li jmiss se ssir it-Tlieta 27 ta' Novembru kif maqbul qabel.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv

A

| SUMMARY - petition against circus - October 2012 | |
|---|---|
| | |
| not verifiable-no ID no submitted | 11 |
| Not found | 70 |
| Triq Arnaldo Fabriani | 3 |
| Triq id-Dejqa | 1 |
| Triq Fw Ryan | 1 |
| Triq il-Gharghur | 2 |
| Triq il-Gizwiti | 24 |
| Triq il-Gnien | 15 |
| Triq il-Kappella tax-Xaghra | 1 |
| Triq il-Markiz Giuseppe Scicluna | 12 |
| Triq it-Torri tal-Kaptan | 10 |
| Triq in-Nawfragju | 2 |
| Triq Ph Skippon | 1 |
| Pjazza Celsi | 1 |
| Pjazza Darnino | 1 |
| Triq San injazju ta' Loyola | 6 |
| Triq San Pawl | 44 |
| Tria Santa Lucija | 2 |
| Triq is-Simblija | 5 |
| Triq Sir H Luke | 12 |
| Triq Sir W Jervois | 1 |
| Tal-Hotba l-Bajda, Ghallis | 2 |
| Triq it-Torri Gauci | 10 |
| Triq il-Buzjett | 1 |
| Triq il-Hannewija | 1 |
| Triq il-Langas | 1 |
| Triq il-Marokk | 1 |
| Triq in-Nutar Manuel Debono | 1 |
| Triq Luqa Briffa | 1 |
| Triq San Publju | 1 |
| Triq San Timotju | 1 |
| Triq Tal-Labour | 1 |
| Triq Victor Scerri | 2 |
| Vjal il-Wiehed u Ghoxrin ta' Settembru | 3 |
| **Total** | **251** |

**B**

Kunsill Lokali: Naxxar

Skeda Nru. Laqgha 51

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data: mis-6 t'Ottubru 2012 sat-2 ta' Novembru 2012

| | Fornitur | Ammont tal- Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Adi Associates | €104.43 | €104.43 | T | PF | Review of planning applications - Sept 12 | 30/09/2012 | 1064 | n/a | n/a | 3130 | |
| 2 | Agricultural Co-operative Ltd | €3,481.00 | €3,481.00 | T | PF | Garden maintenance fee - Sept 12 | 30/09/2012 | 27884 | n/a | n/a | 3061 | |
| 3 | Agricultural Co-operative Ltd | €2,300.00 | €2,300.00 | K | PF | Supply of Horticultural material and gardening services at the Traffic Island in Triq it-Tuffieh | 30/09/2012 | 27979 | n/a | n/a | 3061 | |
| 4 | Alan Muscat | €500.00 | €500.00 | D | PF | Refundable deposit for placing tables & chairs | n/a | n/a | n/a | n/a | 4007 | 15829 |
| 5 | Aldo Bajada | €500.00 | €500.00 | D | PF | Refundable deposit for placing tables & chairs | n/a | n/a | n/a | n/a | 4007 | 15826 |
| 6 | Annabelle Attard | €660.00 | €660.00 | K | PF | Zumba Fitness Classes [Apr till June 2012 & July till Sept 2012] "BIC" | 04/10/2012 | 72012 | 4118 | 4118 | 3381 | |
| 7 | Anne-Marie Pavia | €500.00 | €500.00 | D | PF | Refundable deposit for placing tables & chairs | n/a | n/a | n/a | n/a | 4007 | 15830 |
| 8 | Arms Ltd | €466.87 | €466.87 | D | PF | Electricity & Water Consumption services - Public Garden [26/05/2012 till 30/08/2012] | 15/10/2012 | 15918080 | n/a | n/a | 2130 | 16000 |
| 9 | Arms Ltd | €78.98 | €78.98 | D | PF | Electricity & Water Consumption services - Gnien il-Hamrija [15/06/2012 till 30/08/2012] | 15/10/2012 | 15918079 | n/a | n/a | 2130 | 16001 |
| 10 | Arms Ltd | €284.88 | €284.88 | D | PF | Electricity & Water Consumption services - Pelican Lights [26/05/2012 till 01/09/2012] | 15/10/2012 | 15918078 | n/a | n/a | 2130 | 16002 |
| 11 | Arms Ltd | €258.50 | €258.50 | D | PF | Electricity & Water Consumption services - Gnien l-Eghnieq [15/06/2012 till 30/08/2012] | 15/10/2012 | 15918077 | n/a | n/a | 2130 | 16003 |
| 12 | Arms Ltd | €66.63 | €66.63 | D | PF | Electricity & Water Consumption services - Public Garden and Parking [15/06/2012 till 30/08/2012] | 15/10/2012 | 15918075 | n/a | n/a | 2130 | 16004 |
| 13 | Arms Ltd | €220.61 | €220.61 | D | PF | Electricity & Water Consumption services - Water Pump [15/06/2012 till 30/08/2012] | 15/10/2012 | 15918615 | n/a | n/a | 2130 | 16005 |
| 14 | Arms Ltd | €89.56 | €89.56 | D | PF | Electricity & Water Consumption services - Gnien l-Unjoni Ewropeja [15/06/2012 till 30/08/2012 | 15/10/2012 | 15918074 | n/a | n/a | 2130 | 16006 |
| 15 | Assocjazzjoni Kunsilli Lokali | €150.00 | €150.00 | D | PF | Seminar for all councilors in Malta & Gozo, 10/11/2012 | n/a | n/a | n/a | n/a | 2541 | 16009 |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 16 | BMX Malta riders | €150.00 | €150.00 | D | PF | Services rendered to NLC: BMX Street Show - "Car Free Day" | 23/09/2012 | Set-12 | 4129 | 4129 | 3360 | |
| 17 | C&C Projects | €250.00 | €250.00 | T | PF | Item 4 of agreement for Tender T/02/11 | 16/10/2012 | 121003 | n/a | n/a | 3130 | |
| 18 | Carmel Sultana | €120.00 | €120.00 | D | PF | Deposit of machinery at Triq il-Grecja | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 15992 |
| 19 | CDA Ink & Toner Recharging Ltd | €119.99 | €119.99 | D | PF | 2 HP CE285A | 19/10/2012 | Order no: 4939 | 4130 | 4130 | 2610 | |
| 20 | Central Asphalt Ltd | €622.48 | €622.48 | T | PF | Work carried out at Triq Sir William Jervois | 05/10/2012 | 44477 | n/a | n/a | 7501 | |
| 21 | Central Asphalt Ltd | €369.55 | €369.55 | T | PF | Work carried out at Triq it-Telekomunikazzjoni | 05/10/2012 | 44480 | n/a | n/a | 7501 | |
| 22 | Central Asphalt Ltd | €554.79 | €554.79 | T | PF | Work carried out at Triq ix-Xehda | 05/10/2012 | 44479 | n/a | n/a | 7501 | |
| 23 | Central Asphalt Ltd | €393.86 | €393.86 | T | PF | Work carried out at Triq iz-Zonqor | 05/10/2012 | 44478 | n/a | n/a | 7501 | |
| 24 | Central Asphalt Ltd | €1,099.44 | €1,099.44 | T | PF | Works associated with the resurfacing & patching of roads in Naxxar- Triq Santa Marija & Is-Santwarju tal-Hniena Divina Area Naxxar | 08/05/2012 | Certificate of payment No. 8 | n/a | n/a | 2311 | |
| 25 | Central Asphalt Ltd | €75.35 | €75.35 | D | PF | Work carried out at Triq il-Forga | 31/10/2012 | 44686 | 4150 | 4150 | 2311 | |
| 26 | Charles Muscat | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery at Triq Santa Marija | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 15987 |
| 27 | Charles Muscat | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery at Triq in-Nissieg | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 15994 |
| 28 | Charlie Mifsud | €1,454.00 | €1,454.00 | D | PF | Reimbursement for WasteServ Expenses - Jun & Jul 2012 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3040 | |
| 29 | Charlie Mifsud | €1,543.75 | €1,543.75 | T | PF | Weed cutting - Aug 12 | 17/10/2012 | 957 | n/a | n/a | 3052 | |
| 30 | Charlie Mifsud | €1,543.75 | €1,543.75 | T | PF | Weed cutting - Sept 12 | 17/10/2012 | 958 | n/a | n/a | 3052 | |
| 31 | Charlie Mifsud | €1,543.75 | €1,543.75 | T | PF | Weed cutting - Oct 12 | 31/10/2012 | 959 | n/a | n/a | 3052 | |
| 32 | Christian Frendo | €500.00 | €500.00 | D | PF | Refundable deposit for placing tables & chairs | n/a | n/a | n/a | n/a | 4007 | 15825 |
| 33 | Daniela Cassar | €110.00 | €110.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery at Triq il-Kbira | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 15993 |
| 34 | Dario Debono | €80.00 | €80.00 | D | PF | Youth worker services provided to KLZ live-inn from the 5th till the 7th Oct 2012 "KLZ" | 07/10/2012 | 200 | 4114 | 4114 | 3700 | |
| 35 | Data Protection Commissioner | €23.29 | €23.29 | D | PF | Obligation for payment of the annual fee of Eur23.29 under the Data Protection Act | n/a | Ref. no.: 1576 | n/a | n/a | 3690 | |
| 36 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | Advert on the Malta Govt Gazette 14/09/2012 - "Car Free Day" | n/a | n/a | 4149 | 4149 | 3360 | 16011 |
| 37 | Department of Information | €125.00 | €125.00 | D | PF | Cd containing a soft copy of the latest version of the electoral register | n/a | n/a | 4138 | 4138 | 2660 | 16008 |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 38 | Dr Maria Fatima Deguara | €588.51 | €588.51 | D | PF | Mayor's allowance - Oct 12 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1100 | n/a |
| 39 | EcoPure Co. Ltd | €10.62 | €10.62 | D | PF | qty 3: 18.9ltrs of San Michel Table Water | 19/10/2012 | 529775 | n/a | n/a | 3320 | |
| 40 | EcoPure Co. Ltd | €425.00 | €425.00 | D | PF | qty 100 - 18.9ltrs San Michel Table water (+ 20 for free) | 01/11/2012 | 51414 | n/a | n/a | 3320 | |
| 41 | EHL Hire Shop | €90.01 | €90.01 | D | PF | Hire of jigger for the Public Convenience | 25/10/2012 | MRH8270 | 4131, 4141 | 4131, 4141 | 7101 | |
| 42 | Fr Evan Caruana | €116.00 | €116.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery at Pjazza Vittorja | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 15986 |
| 43 | Galea Curmi Engineering | €272.54 | €272.54 | T | PF | Contract Manager Fee - Oct 12 | 31/10/2012 | 2524 | n/a | n/a | 3065 | |
| 44 | Georgina Grima | €559.54 | €559.54 | D | PF | Nursing Fees - Sept 12 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3340 | |
| 45 | Go plc | €206.33 | €206.33 | D | PF | Telephony monthly service - Sept 12 [21417224] | 12/10/2012 | 29738385 | n/a | n/a | 2160 | 15996 |
| 46 | Go plc | €17.67 | €17.67 | D | PF | Telephony monthly service - Sept 12 [21416363] - Fax | 12/10/2012 | 29738337 | n/a | n/a | 2160 | 15997 |
| 47 | Go plc | €57.76 | €57.76 | D | PF | Telephony monthly service - Sept 12 [21416341] | 12/10/2012 | 29738333 | n/a | n/a | 2160 | 15998 |
| 48 | Golden Gate Co. Ltd | €202.02 | €202.02 | D | PF | Photocopy paper A4 white & file archive boxes | 31/10/2012 | 401694 | 4144 | 4144 | 2620 | |
| 49 | Grace Camilleri | €116.61 | €116.61 | D | PF | Branch Librarian Services - Oct 12 | 31/10/2012 | Ott-12 | n/a | n/a | 2995 | |
| 50 | Horizons | €20.00 | €20.00 | D | PF | Purchase of a book named: "Duminku Mintoff, Bejn Storja u Miti" | n/a | n/a | 4133 | 4133 | 2995 | 15983 |
| 51 | J&S Store | €144.25 | €144.25 | D | PF | Stainless Steel; ramel; zrar; rollers; energy bulbs; etc. | 31/05/2012 | 7101 | 3992 & 4001 | 3992 & 4001 | 2370 | |
| 52 | J&S Store | €165.25 | €165.25 | D | PF | Energy Saving Bulbs; Sillicone gun; plug; M.C.B. 16Amps; Fuses; etc. | 12/07/2012 | 7120 | 4001; 4005; 4034 & 4043 | 4001; 4005; 4034 & 4043 | 2370 | |
| 53 | J&S Store | €108.89 | €108.89 | D | PF | Borza kulur ahmar; katnazzi; brushes; etc. | 31/07/2012 | 7129 | 4043; 4072; 4080 & 4102 | 4043; 4072; 4080 & 4102 | 2370 | |
| 54 | Jesmond Camilleri | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery at Triq Santa Lucija | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 15989 |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 55 | Joseph Chetcuti | €96.71 | €96.71 | D | PF | Refund for the deposit of machinery at Triq Jean Houel | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 15985 |
| 56 | Jurgen Attard | €1,176.00 | €1,176.00 | T | PF | Handyman Service - Sept 12 | 30/09/2012 | Sett-12 | n/a | n/a | 3125 | 15910 |
| 57 | Jurgen Attard | €294.50 | €294.50 | T | PF | Ground warden - Oct 12 | 31/10/2012 | 158707 | n/a | n/a | 3191 | |
| 58 | Leo's Garage Paramount | €283.86 | €283.86 | K | PF | Transport Service Sept 12 - for the elderly; incl transport service for BIC Community to Valletta. | 30/09/2012 | 24921 | 4082 & 4093 | 4082 & 4093 | 2720 | |
| 59 | Ritchel Lotino Borg | €69.88 | €69.88 | D | PF | Maltese for foreigners - request for refund since it is on Social Benefits | n/a | n/a | n/a | n/a | 3381 | |
| 60 | Lucienne Cassar | €75.57 | €75.57 | K | PF | Skizzi tal-Karnival; Iz-Zmien fuq Sider Malta; Paniku ta' Gino Lombardi; Ful u Hut; ecc "KLZ" | 15/10/2012 | 20121001 | 4099 | 4099 | 2995 | |
| 61 | Lucienne Cassar | €130.00 | €130.00 | K | PF | Kif tikber b'Sahhtek; Bertu 77; Erojina Maltija; Il-Milied tal-Angli; ecc "KLZ" | 15/10/2012 | 20121002 | 4100 | 4100 | 2995 | |
| 62 | Lucienne Cassar | €148.05 | €148.05 | K | PF | Giga Hamsin sena wara; Daqqa u Zifna ohra ta' Lippu l-Purtinar; Mill-Gnejna ta' Tfuliti; ecc "KLZ" | 15/10/2012 | 20121003 | 4101 | 4101 | 2995 | |
| 63 | Lucienne Cassar | €16.50 | €16.50 | K | PF | Malta Chapels 2013; Il-lejl tal-Irgulija; Peter u l-Lupu; ecc "KLZ" | 15/10/2012 | 20121004 | 4102 | 4102 | 2995 | |
| 64 | Kim Camilleri | €500.00 | €500.00 | D | PF | Refundable deposit for placing tables & chairs | n/a | n/a | n/a | n/a | 4007 | 15834 |
| 65 | Maltapost plc | €102.04 | €102.04 | T | PF | Distribution of flyers "Car Free Day" | 08/10/2012 | 36133 | n/a | n/a | 2650 | |
| 66 | Mark Cassar | €500.00 | €500.00 | D | PF | Refundable deposit for placing tables & chairs | n/a | n/a | n/a | n/a | 4007 | 15833 |
| 67 | Melchior Vassallo | €500.00 | €500.00 | D | PF | Refundable deposit for placing tables & chairs | n/a | n/a | n/a | n/a | 4007 | 15832 |
| 68 | Melita plc | €22.38 | €22.38 | D | PF | TV monthly service - Oct & Nov 12 | 01/10/2012 | 32863669 | n/a | n/a | 2165 | 15908 |
| 69 | Melita plc | €12.69 | €12.69 | D | PF | Telephony monthly service - Oct 12 [27013044] | 01/10/2012 | 32863078 | n/a | n/a | 2160 | 15909 |
| 70 | Metalla Tabone | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery at Triq San Gwann l-Evangelista | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 15988 |
| 71 | Michael Falzon | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery at Triq tal-Labour | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 15984 |
| 72 | MITA | €416.85 | €416.85 | D | PF | Maintenance & Support of Wide Area Connectivity Oct - Dec 12 | 09/10/2012 | 26933 | n/a | n/a | 3110 | |
| 73 | Mohib Abouzidan | €230.00 | €230.00 | D | PF | Deposit of machinery at Triq it-Tuffieh | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 15991 |
| 74 | Omar Micallef | €500.00 | €500.00 | D | PF | Refundable deposit for placing tables & chairs | n/a | n/a | n/a | n/a | 4007 | 15827 |
| 75 | Paul Cortis | €500.00 | €500.00 | D | PF | Refundable deposit for placing tables & chairs | n/a | n/a | n/a | n/a | 4007 | 15831 |
| 76 | Richie's Ironmongery | €7.20 | €7.20 | D | PF | Square leg sockets 25x25mm | 19/10/2012 | 2975AA | 4134 | 4134 | 2370 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 77 | Richie's Ironmongery | €28.32 | €28.32 | D | PF | Hire of small jigger for Public Convenience | 22/10/2012 | 2986AA | 4134 | 4134 | 7101 | |
| 78 | Ricky Caruana | €62.66 | €62.66 | T | PF | Continuation of payment for Cleaning the Public Convenience - Sept 12 | 28/09/2012 | NXR_9-12 | n/a | n/a | 3053 | 15990 |
| 79 | Ricky Caruana | €493.35 | €471.90 | T | PF | Cleaning of Naxxar Civic Centre - Oct 12 less a day (25/10/2012) | 28/10/2012 | NXR_10-12 | n/a | n/a | 3055 | |
| 80 | Ricky Caruana | €942.95 | €942.95 | T | PF | Cleaning of Naxxar Public Convenience - Oct 12 | 28/10/2012 | NXR_10-12 | n/a | n/a | 3053 | |
| 81 | Savio College | €500.00 | €500.00 | D | PF | Accomodation (2 nights + 3 meals a day) "KLZ" | 06/10/2012 | NLC1/12 | 4112 | 4112 | 3700 | |
| 82 | Scotts Supermarket | €129.92 | €129.92 | D | PF | 100 pkts of Garbage bags 26x32 grey & 100 garbage bags small 19x23 black "KLZ" | 06/09/2012 | 152 | 4052 | 4052 | 3340 | |
| 83 | Scotts Supermarket | €764.64 | €764.64 | D | PF | 900 pkts of Garbage bags 26x32 grey "KLZ" | 17/10/2012 | 157 | 4052 | 4052 | 3340 | |
| 84 | Spiral Design | €70.80 | €70.80 | D | PF | Changes of date on supplied backdrop '2' in black 20.7cm; Changes of dates on 2 PVC banners 2-3-4 in black 14cm l/h; cleaning of banner; changes of dates on supplied signs "Arts, Hobbies & Crafts 2012" | 23/10/2012 | 2522 | 4142 | 4142 | 3360 | |
| 85 | Shaun Zarb | €227.15 | €227.15 | D | PF | 2.5hrs high-up services & 2 loads of broken tiles etc. taken to dump "Arts, Hobbies & Crafts 2012" & Public Convenience | 26/10/2012 | 235 | 4143 | 4143 | 7210 | |
| 86 | Staff Salaries | €6,830.79 | €6,830.79 | D | PF | Staff wages - Oct 12 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1200 | n/a |
| 87 | Svetlana Elizarova | €230.00 | €230.00 | D | PF | Deposit of machinery at Triq il-Kappella tal-Lunzjata | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 15995 |
| 88 | TeamSport | €215.99 | €215.99 | D | PF | Cones; Markers; yellow sticks & medicine ball for "Car Free Day" | 24/10/2012 | 2217 | 4136 | 4136 | 3360 | |
| 89 | Transmec Services Ltd | €53.78 | €53.78 | D | PF | Hollow section - Exhibition Panels "Arts, Hobbies & Crafts 2012" | 18/10/2012 | 26006 | 4128 | 4128 | 7210 | |
| 90 | Valentino Cuschieri | €500.00 | €500.00 | D | PF | Refundable deposit for placing tables & chairs | n/a | n/a | n/a | n/a | 4007 | 15828 |
| 91 | Victor Mula | €1,068.20 | €1,068.20 | T | PF | Handyman Service - Sept 12 | 30/09/2012 | Sett-12 | n/a | n/a | 3125 | 15911 |
| 92 | VitiMalta | €46.02 | €46.02 | K | PF | 12 bottles of red wine for the Arts, Hobbies & Crafts Exhibition | 29/10/2012 | 306-12 | 4139 | 4139 | 3360 | |
| 93 | Vodafone MT | €148.75 | €148.75 | D | PF | Telephony monthly service - Sept 12 | 01/10/2012 | 3164334102012 | n/a | n/a | 2160 | 15982 |
| 94 | WasteServ Malta Ltd | €6,918.25 | €6,216.75 | D | PF | Allocated MSW waste - Sept 12 | 15/10/2012 | 28004 | n/a | n/a | 3040 | |
| 95 | Zaffarese Signs + Display Ltd | €944.00 | €944.00 | K | PF | 25 exhibition boards for Arts, Hobbies & Crafts | 02/11/2012 | 3943 | 4140 | 4140 | 3360 | |

ċ

**Income list for the month of October 2012** **01/11/2012**

| Code | Description | Amount |
|---|---|---|
| 0000 | Regjun Xlokk - Regional Invoice payment - Administration fees - Jun 12 | €107.16 |
| 0000 | Regjun Nofsinhar - Regional Invoice payment - Administration fees - Feb 12 | €57.06 |
| 0000 | Regjun Xlokk - Regional Invoice payment - Administration fees - July 12 | €88.49 |
| 0001 | Annual Allocation from Government | €209,092.54 |
| 0021 | Community services inc. Courses, Aerobics, outings etc | €3,114.81 |
| 0023 | Cultural Activity - Oct 12 - Salina Bird Park | €328.88 |
| 0025 | Skip Permit | €26.68 |
| 0026 | Crane Permit | €673.67 |
| 0028 | Outside Activity Permit | €25.65 |
| 0030 | Deposit of Material, scaffolding etc | €65.24 |
| 0067 | Documents/Information charges (inc. Parking clocks, photos etc) | €459.34 |
| 0121 | Advertising | €625.00 |
| 0125 | Trenching permits | €11.65 |
| 4006 | Contractors guarantees | €930.00 |
| | **TOTAL** | **€215,606.17** |

| | | |
|---|---|---|
| **Receipts** | From | 6732 |
| | To | 7008 |

**D**

**Purchase Order list for the month of October 2012** **01/11/2012**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 01/10/2012 | 4104 | B Grima & Sons | Mirrors, signs, stret name plates etc. | €866.34 |
| 03/07/2012 | 4105 | Cancelled | | |
| 27/09/2012 | 4106 | Anthony Galea | Maintenance on traffic signs; welding; maintenance on gutters; etc. | €72.00 |
| 02/10/2012 | 4107 | Fernando Benito Saico | Singing performance during Car Free Day | €150.00 |
| 20/09/2012 | 4108 | Francine Agius Livori | Kuntatt Magazine - Sept 12; Arts Hobbies & Crafts Exhibition 2012 & Car Free Day Posters | €325.00 |
| 27/09/2012 | 4109 | Guard & Warden Service House | Traffic management services - Sept 12 "Festa Vittorja" | €617.76 |
| 30/09/2012 | 4110 | Guard & Warden Service House | Traffic management services - Sept 12 "Car Free Day" | €61.95 |
| 30/09/2012 | 4111 | Mr Ivan Zammit | Transport Services - Car Free Day | €60.00 |
| 05/10/2012 | 4112 | Savio College | Accomodation for 10 people "KLZ" | €500.00 |
| 05/10/2012 | 4113 | George Vella | Transport; Live-in; Mixja fil-kampanja; etc "KLZ" | €160.00 |
| 05/10/2012 | 4114 | Dario Debono | Youth Leader "KLZ" | €80.00 |
| 05/10/2012 | 4115 | Clinton Muscat | Youth Leader; kitbiet; etc. "KLZ" | €480.00 |
| 11/09/2012 | 4116 | Archway Ironmongery | Tubi, starters,Rubble bags, ramel, cement, etc. | €40.19 |
| 09/10/2012 | 4117 | J&S Store | Bulb; tape; pair of gloves; etc. | €30.90 |
| 01/04/2012 | 4118 | Annabelle Attard | 2 Zumba Fitness Classes for BIC [1 in Apr & the other in July 2012] | €660.00 |
| 01/07/2012 | 4119 | Albert Galea | 2 Aerobics Class in July 2012 | €500.00 |
| 09/10/2012 | 4120 | JB Stores | 6 Glue spray | €35.70 |
| 11/10/2012 | 4121 | JB Stores | 3 Multi-purpose spray & blue felt for exhibition boards | €73.77 |
| 11/10/2012 | 4122 | Archway Ironmongery | Trapan; Drill, zrar, P.L. lamp, glue, etc. | €87.24 |
| 15/10/2012 | 4123 | Glen Calleja | Editing, writing and commission proof reading of Council's Coffee -Table book | €750.00 |
| 15/10/2012 | 4124 | Box Design | Design of High Quality Coffee Table Book for NLC | €991.20 |
| 17/10/2012 | 4125 | Charlie Sant | Order of a skip for the Clean up Campaign in Triq John Ayde- Sunday 21/10/2012 - "KLZ" | €65.00 |
| 17/10/2012 | 4126 | Sandro Lanfranco | Took care of "Mixja Edukattiva fil-Kampanja" for KLZ | €100.00 |
| 17/10/2012 | 4127 | Leo's Garage Paramount | Transport Service for the 31/10/2012 - Salina Bird Park "Cultural Tour" | €70.80 |
| 18/10/2012 | 4128 | Transmec Services Ltd | Hollow section for exhibition boards | €53.78 |
| 18/10/2012 | 4129 | BMX Malta Riders | BMX Street Show - "Car Free Day" | €150.00 |
| 07/10/2012 | 4130 | COA Ink & Toner Ltd. | Toner for Front Office Printer + spare | €119.99 |
| 22/10/2012 | 4131 | Equipment Hire Ltd | Hire of small jigger for 2 days | €60.00 |
| 24/10/2012 | 4132 | Leisure Animation Enterprises | Winter Wonderland Christmas Party package for BIC | €531.00 |
| 01/10/2012 | 4133 | Horizons | Purchase of a book named: "Duminku Mintoff, Bejn Storja u Miti" | €20.00 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 19/10/2012 | 4134 | Richie's Ironmongery | Square leg sockets 25x25mm & Hire of small jigger for Public Convenience | €35.52 |
| 25/10/2012 | 4135 | Art Academy | Scissors; PVA Glue x 1000ml; Gold Coloured Pens; Silver Coloured Pens; etc. "Arts, Hobbies & Crafts" | €130.20 |
| 10/09/2012 | 4136 | Teamsport | Rental of cones; yellow sticks; medicine ball & markers "Car Free Day" | €215.99 |
| 26/10/2012 | 4137 | La Buona Dolceria | 200 sandwiches & 1 waiter "Arts, Hobbies & Crafts 2012" | €82.20 |
| 26/10/2012 | 4138 | DOI | Cd containing a soft copy of the electoral register | €125.00 |
| 26/10/2012 | 4139 | VitiMalta Ltd | 12 bottles of red wine "Arts, Hobbies & Crafts 2012" | €46.02 |
| 29/10/2012 | 4140 | Zaffarese Design | Rental of 25 exhibition boards equipped with lights for Arts, Hobbies & Crafts Nov 2012 | €944.00 |
| 30/10/2012 | 4141 | EHL Hire Shop | Hire of jigger for the Public Convenience | €30.01 |
| 30/10/2012 | 4142 | Spiral Design Ltd | Cleaning the banner for Arts, Hobbies & Crafts 2012 | €70.80 |
| 30/10/2012 | 4143 | Shaun Zarb | 2.5hrs high-up services & 2 loads of broken tiles etc. taken to dump | €227.15 |
| 30/10/2012 | 4144 | Golden Gate Co. Ltd. | Photocopy Paper & Archive Boxes | €230.22 |
| | | | **Total** | **€9,849.73** |

**E**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

## SEDUTA NRU. 26 – IT-TNEJN, 15 T'OTTURU 2012

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* |
| | Joseph Woods | Viċi *Chairperson* |
| | Maria Vella | Membru |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |

**14. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI**

14.1.1. Il-minuti tal-laqgħa ta' qabel kienu meqjusa moqrija.

14.1.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

**15. KOMUNIKAZZJONIJIET MIĊ-*CHAIRPERSON***

15.1.1. Iċ-Ċhairperson stqarret li l-Ġnien Santa Marija tal-Anġli għad għandu ħafna nuqqasijiet. Jeħtieġ għalhekk li ssir laqgħa fil-post mal-Periti u l-uffiċjali inkarigati mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet ħalli jkunu solvuti.

15.1.2. Is-Sinj. Cuomo infurmat li l-Iscouts ta' B'Kara kisbu permess sabiex jagħmlu żvilupp fl-art (*camping site*) li għandhom f'Baħar iċ-Ċagħaq. Is-Sinj. Cuomo żiedet tgħid li rċeviet komunikat mid-Dipartiment tal-Artijiet fejn qalulha li dwar l-għoti ta' dan il-permess m'għandhomx dritt li jitkellmu il-għaliex tali attività taqa' taħt "Sports and Leisure". F'dan id-dawl id-dipartiment tal-Artijiet talbuha sabiex tirreferi l-każ lis-Segretarjat Parlamentari tal-Isports.

15.1.3. Is-Sinj. Cuomo esprimiet id-diżappunt tagħha dwar l-attendenza fjakka li kien hemm għal seminar organizzat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Hija sostniet li kienu biss zewg kunsilliera li attendew għal dan is-seminar interessanti, apparti s-Segretarji Ezekuttivi.

15.1.4. Iċ-Ċhairperson ingħaqdet mal-kumplament tal-Kumitat fil-fehma pożittiva li kellhom fl-organizzazjoni għall-attività "Science in the City". Sostniet li għal Baħar iċ-Ċagħaq din kienet suċċess avolja xtaqet attendenza akbar.

**16. ATTIVITÀ GĦALL-ANZJANI**

16.1.1. Is-Sinjura Cuomo semmiet li saret laqgħa bejn il-Kumitat ma' Fr Eddie dwar din l-attività fejn ġie deċiż li għandha ssir ġewwa fis-sala tal-Patrijiet.

16.1.2. Il-Kumitat qabel li l-ħlas mitlub mill-anzjani ta' Baħar iċ-Ċagħaq għandu jkun irħas minn dak tan-Naxxar.

16.1.3. Il-Kumitat ġibed l-attenzjoni li se jkun hemm bżonn P.A. System.

16.1.4. Din l-attività maħsuba li ssir nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru 2012.

## 17. ATTIVITÀ TAL-MILIED

17.1.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kienu laħqu ftehim ma' Jurgen Attard (*handyman* tal-Kunsill) dwar it-tiżjin tad-dawl tal-Milied. Il-ftehim jgħid li għandu jsir ċoff b'lewn aħmar bil-bozoz ma' kull arblu li hemm fil-ġnien Santa Marija tal-Anġli kif ukoll isiru l-fustuni tas-soltu.

17.1.2. Fid-dawl tal-kwotazzjonijiet li waslu mingħand *Curtain Raiser* u mingħand *Leisure Entertainment Ltd*, il-Kumitat ħa deċiżjoni li għandu jmur għal dak li offra *Leisure Entertainment Ltd*. L-opzjoni li ntgħoġbot mill-Kumitat jisimha: "Winter Wonderland Xmas Party" għall-prezz ta' €450 eskluż il-VAT.

17.1.3. Is-Sinj. Muscat ġibdet l-attenzjoni li hemm numru ta' residenti li qegħdin jitolbu xi ritratti li ttieħdu tul l-attività tal-Milied tas-sena l-għaddiet. F'dan ir-rigward il-Kumitat talab il-Kunsill sabiex jitlob *Contact Sheet* minghand il-fotografu.

17.1.4. Il-Kumitat qabel li għandu jsir avviż fiċ-ċirkulari Numru 3 sabiex dawk il-ġenituri kollha interessati li jħallu r-rigali tagħhom ma' Santa Klaws sabiex jirregalhom lit-tfal rispettivi tul l-attività tal-Milied, iħallu isimhom mal-Kunsill jew mal-Kumitat. Min-naħa l-oħra ma jridux iħallu iżjed tard minn nhar id-19 ta' Diċembru 2012.

17.1.5. Is-Sur Gatt qal li tan-Naxxar Scouts se joffru tinda minn ġurnata qabel b'xejn ħlief għall-ispiża tat-trasport. Barra minn hekk l-istess Scouts se jieħdu parti fl-attività bid-daqq tal-banda.

17.1.6. Is-Sinj. Cuomo u s-Sur Bonello għandhom jiltaqgħu ma' ċertu Magaret Zammit sabiex tarma u żżejjen fl-attività.

17.1.7. Is-Segretarju stqarr li hu tal-ħsieb li bħala ikel, il-Kumitat għandu jqassam borża bil-ħelu għal dawk it-tfal kollha preżenti. Dan ifisser li l-Kumitat m'għandux joqgħod jordna ikel bħall-pastizzi, sandwiches, eċċ. iżda possibilment isib sponsor.

## 18. ATTIVITAJIET GĦAS-SENA D-DIEĦLA

18.1.1. Ittieħdet deċiżjoni unanima li l-attività Arts in The Park għandha ssir is-sena d-dieħla wkoll. Għalhekk il-Kumitat se juri l-interess mad-dipartiment tal-Gvern f'dan ir-rigward sabiex japplika għall-fondi taħt l-iskema applikabli.

## *19. BRIDLE PATH*

19.1.1. Is-Segretarju informa li se jitkellem mal-Perit f'dan ir-rigward bit-tama li tintlaħaq deċiżjoni konkreta ta' x'għandu jsir.

19.1.2. Is-Sinj. Vella wriet id-diżappunt tagħha minħabba dan id-dewmien kollu.

## 20. ŻVILUPP TAL-KOMUNITÀ

20.1.1. Is-Sur Woods sostna li għandu jsir avviż immirat speċifikament għal din l-attività.

20.1.2. Kien hemm proposta li ssir laqgħa bejn ir-residenti ta' Baħar iċ-Ċagħaq li huma nteressati li jattendu għall-kors sabiex jiġu mgħarfa kif jiksu l-kejkijiet. Data għal din il-laqgħa hija l-Ħamis l-1 ta' Novembru 2012 għas-7:30pm.

20.1.3. Is-Sur Woods sostna wkoll li fl-istaġun tas-Sajf, fil-ġurnata tat-Tnejn jistgħu jibdew isiru laqgħat ta' *Crafts* għat-tfal. Bħala għalliema ġew imsemmija s-Sur Kevin Morris u s-Sur Graham Woodall. Iż-żmien li deher ideali għal dan il-kors ta' laqgħat huwa l-bidu ta' Lulju 2013.

20.1.4. F'dan il-ħin is-Sinj. Vella skużat ruħha mil-laqgħa. Il-ħin kien is-6:30pm.

20.1.5. Fis-6:35pm, is-Sur Woods talab biex ikun skużat ukoll.

## 21. ĦWEJJEĠ OĦRA

21.1.1. Is-Sinj. Muscat semmiet il-qagħda diżastruża tal-bankina fi Triq Xatt il-Palm.

21.1.2. Barra minn hekk qalet li hemm bżonn żabra tas-siġra li qiegħda maġenb *stage* fi Triq Xatt il-Palm.

21.1.3. Is-Sinj. Cuomo qalet li ċemplet lill-Ministeru tat-Trasport u qalulha li sal-aħħar tax-xahar t'Ottubru 2012 għandha tidħol fis-seħħ bidla fir-rotot tal-karozzi Arriva. Għalhekk hija talbet lill-Kunsill sabiex jibgħat jgħid lis-Sur Ivan Pierre Vella sabiex jibgħatilna dikjarazzjoni bil-miktub li l-proposta fid-dawl tal-karozza Arriva Nru 205 se tkun parti minn tali eventwali bidla.

## 22. TMIEM IL-LAQGĦA

22.1.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir viċin nhar it-Tlieta 20 ta' Novembru 2012 fil-5:00pm. Din però għad trid tkun ikkonfermata minħabba li s-Segretarju Eżekuttiv informa li jista' jkun li se jkun imsiefer.

22.1.2. Il-laqgħa ntemmet fis-7:00pm.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |

F

**<u>Minuti Sottokumitat Birguma</u>**

**Data:** 18 ta' Ottubru, 2012
**Preżenti:** Anne Marie Muscat Fenech Adami (Chairperson), Peter Paul Testaferrata Moroni Viani, Phillip Wismayer, Bengie Caruana,
**Skużata:** Tiziana Grima
**Assenti:** Adrian Bajada u Luciano Mule Stagno

Issemmiet il-qaghda tat-triq li taghti ghall-barriera ta' Gatt Brothers u gharrafthom li dwar din il-Kunsill ghandu pjan ta' Belle Vedere u li fil-fatt tpoggiet fil-budget ippjanat ghas-sena d-diehla. Huma sostnew li minkejja li hafna trakkijiet ta' Gatt Brothers jghaddu minnha, din it-triq ghandha bzonn tinghata t-tarmac ghax ghandha hafna hofor.

Ghalhekk ir-residenti ssuggerew jekk tistax tinghata tarmac bl-ghajnuna finanzjarja ta' Gatt Brothers ukoll.

Issemma accident fejn trakk battal fdalijiet ta' gebel ecc. fil-post li huwa ppjanat il-Belle Vedere. F'dan ir-rigward sar rapport l-ghassa izda ma ttiehdux passi kontra min kiser il-ligi.

Xtaqu jkunu jafu meta se jsir xi xoghol ta' manutenzjoni fi Triq J. Howard, traqqigh, il-ghaliex it-triq mimlija hofor. Jien ghaddejt xi ritratti tat-triq lill-Kunsill. Il-Kunsill se jaghmel xoghol ta' traqqigh fit-triq. Intqal ukoll jekk thallix xi depozitu bhala garanzijia ghax biex inhareg il-Permess tal-Mepa suppost inghatat garanzijia lill-Kunsill. Il-kuntrattur jismu David Borg, ta' min jigi kkuntattjat.

Tiziana Grima kienet skuzata pero baghtitli xi suggerimenti fid-dawl tal-By-pass tan-Naxxar u ghat-toroq tal-madwar. Suggeriment minnhom jghid li hemm bzonn jintbaghtu avvizi lir-residenti fejn qeghdin johorgu iz-zibel tard u ghalhekk il-qtates qeghdin iqattghuhom. Suggeriment iehor huwa sabiex jizdiedu aktar *Dog Foul Bins* f'dawn l-inhawi ghax hemm in-nuqqas.

Peter Paul Testaferrata Moroni Viani qal li hemm lampa hdejn ir-residenza tal-President Emeritus Guido DeMarco fil-main road li mhix qieghda tixghel.

Bengie Caruana qal li fl-ahhar fi Triq Birguma sar xi traqqigh pero stqarr li t-triq li taghti/ tghaqqad il-Gharghur ghandha ukoll hafna hofor u ghalhekk ghandha bzonn it-Tarmac.

Vicin il-barriera ta' Gatt Brothers hemm barriera li ma tintuzax u fis-sajf hemm xihadd li qieghed inixxef il-hmieg tat-tigieg u jkun hemm hafna riha tintenn fl-inhawi. Dan intqal minn Peter Paul Testaferrata Moroni Viani.

Il-laqgha intemmet fis-7:30pm.